10.55. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li dan mhux safar izda attendenza ta' konferenza relatata max-xoghol tal-Kunsill.

**46/1269/11/I** 02/03/2011 — Stedina minghand MEUSAC ghall-laqgha dwar finanzjament ghal dawk il-Kunsilli li diga ghandhom is-SEAP u huma firmatarji tal-Covenant of Mayors.

**46/1532/11/I** 14/03/2011 — Email minghand il-MEUSAC bhala rizultat tal-laqgha li saret fejn qed jitolbu twegiba minghand il-Kunsill sa qabel nhar il-Gimgha 18 ta' Marzu 2011.

10.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1269/11/I u 46/1532/46/I** is-Sindku Joe Zammit qal li ghal din il-laqgha kien attenda s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fejn zied jghid li l-ghan tal-MEUSAC u li l-Kunsilli Maltin u Ghawdxin japplikaw flimkien bhala konsorzju ghal dan il-programm Intelligent Energy Europe fejn bil-fondi miksuba jistghu jaqsmu esperjenzi ma' bliet barranin kif ukoll jistghu jaggornaw is-SEAP li diga ghandhom. **(Ara dok. O)** Il-kelliem qal li l-programm jiffinanzja 75% ta' l-ispiza u huwa nkoraggit li kemm il-Gvern kif ukoll l-entitajiet koncernata bhal Enemalta u TM ikunu avvicinata li jippartecipaw. Fid-dawl li l-Kunsill diga ghandu d-dokument tas-SEAP kif ukoll li huwa firmatarju tal-Covenant of Mayors, il-Kunsill ghandu jiehu sehem f'din l-inizjattiva.

10.57. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.58. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

10.59. Il-mozzjoni giet approvata.

**46/1278/11/I** 02/03/2011 Email minghand is-sur Lawrence Attard mill-FTZ fejn baghat kopja ta' email li rcieva minghand l-OSDDT fejn qed jissugerixxu li l-laqgha f'Malta ssir fit-30 u 31 ta' Mejju u l-1 ta' Gunju 2011.

**46/1279/11/I** 02/03/2011 Email minghand l-organizzaturi tal-program OSDDT Med fejn talbu lill-Kunsill sabiex jibghat programm tal-laqgha ta' l-OSDDT li ser issir gewwa Malta.

10.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1278/11/I u 46/1279/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li din il-laqgha li ser issir f'Malta ghandha ssir gewwa Pembroke fuq l-istess programm bhal tal-MEDSTRATEGY. Il-kelliem ippropona wkoll li din il-laqgha ghandha ssir bejn l-1 u 3 ta' Gunju. Finalment il-kelliem ippropona li jingabru l-kwotazzjonijiet necessarja.

10.61. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.62. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

10.63. Il-mozzjoni giet approvata.

**46/1302/11/I** 03/03/2011 Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-Memo 45/2010 - Public Private Partnership fuq Toroq informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni giet milqugha u qed jaghti kunsens lill-Kunsill biex johrog it-tender.

**46/1384/11/I** 07/03/2011 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali d-Direttur Carmel Abela fejn baghtu ittra riveduta b'riferenza ghall-Memo 45/2010 – Public Private Partnership fuq Toroq fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni giet milqugha u qed jaghti l-kunsens lill-Kunsill biex johrog it-tender ghal xoghol ta' resurfacing ghal Triq Normandy, Triq Alamein u Triq Gabriele Henin. Talbu l-Kunsill biex sat-18 ta' Marzu 2011 jibghat skeda ta' kif ser isiru x-xoghlijiet.

**46/1421/11/I** 09/03/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali s-Sur Joseph Tabone fejn baghat workings b'riferenza ghall-iskema tal-PPP ta' Triq Normandy, Triq Alamein u Triq Gabriele Henin.

10.64. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1302/11/I, 46/1384/11/I u 46/1421/46/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li biex isir dan ix-xoghol jehtieg li l-Kunsill johrog somma sostanzjali mill-vot tieghu. Il-kelliem qal li l-Kunsill inghata l-ammont ta' €90,153 ghall-manutenzjoni tat-toroq li jinkludi wkoll it-tindif tat-toroq u huwa maqsum - Road \ Street Pavements & Patching (€35,000), Road Signs (€3,000), Road Markings (€2,500), Bus Shelters (€500), Street Sweeping (€25,394.16), Cleaning & Maintenance Non Urban Roads (€10,245.84), Bring in sites (€3,494.08), Street Lighting (€7,033.80), Management & Operating Services (€1,500) u Architect Fees (€1,500). Il-kelliem zied li jekk il-Kunsill jiddeciedi li jaghmel il-wicc ta' Triq Gabriele Henin, il-Kunsill irid johrog €15,000 mill-vot tal-patching li originalment kien

ta’ €35,000 li minnhom diga ntefqu madwar €11,500 f’xoghlijiet ta’ patching u xoghol iehor mill-Kuntrattur J&K Contractors Ltd. u Ells Urban Services biex b’hekk jibqa’ bilanc ta’ xi €7,500 ghal xoghlijiet ohra sa Dicembru tas-sena 2011.

10.65. Fid-dawl ta’ dan kollu l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jiehu sehem fil-program PPP u ssir biss Triq Gabriele Henin. Il-kelliem fakkar li suppost Triq Normandy u parti minn Triq Alamein ser isiru minn TM marbuta mal-progett tal-Park and Ride u ghalhekk ippropona wkoll li jkun tajjeb li l-Kunsill jinforma lis-sur Pierre Carabott tal-Ministeru ta’ l-Investiment, Industrija u l-IT biex jidhol il-Ministeru halli issir Triq Alamein kollha. Il-kelliem ippropona wkoll li l-mizata tad-dokument tat-tender ghandha tkun ta’ €100.00, li d-data ta’ l-gheluq ghandha tkun nhar l-Erbgha 20 ta’ April fil-11.00am u li l-avviz ghandu jkun ippubblikat skond kif kien diga gie deciz mill-Kunsill jigifieri fuq 5 gurnali (Times, Independent Daily, Mument, Il-Kullhadd u Gazzetta tal-Gvern)

10.66. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1376/11/I** 07/03/2011 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat kopja ta’ l-Avviz Legali numru 76/2011 dwar ir-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skemi ta' Ipparkjar Kontrollat (Residenzjali u Kummercjali) f’Pembroke fi Triq il-President Anton Buttigieg, Triq Jum Pembroke, Triq Bice Mizzi Vassallo, Triq Sir Luigi Preziosi u Triq Falaise.

10.68. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1376/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-hinijiet approvati ghar-Residential Parking Scheme huma bejn it-Tnejn u l-Gimgha bejn 16.00 – 24.00 u nhar ta’ Sibt, Hadd u Btajjel Pubblici bejn 09.00 – 24.00. Il-kelliem qal li l-Kumitat Kongunt ta’ l-LES ghandu jigi nfurmat b’dan.

10.69. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel laqgha ghar-residenti kollha koncernata sabiex tigi spjegata lilhom l-iskema.

10.70. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1380/11/I** 07/03/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali s-Sinjura Gemma Debono fejn b'riferenza ghall-minuti 02/K6/2011 informat il-Kunsill li dwar it-trasport li qed jipproponi l-Kunsill ghall-Programm Hadd Ghalik ma jistax jitqies bhala attivita’ socjo-kulturali u l-Kunsill ma jistax jimborza spejjez minn fondi pubblici b’konnessjoni ma’ din l-attivita’ u dwar l-hrug ta' kwotazzjonijiet ghall-qtugh ta' palm informat lill-Kunsill li dejjem kellu problema dwar l-iffinanzjar biex isir ix-xoghol u qed tistaqsi jekk huwiex il-kaz li l-qtugh tal-palm ikun inkluz mal-kuntratt li ghandu l-Kunsill bhalissa tal-‘Cleaning & Embellishment of Urban, Non Urban & open areas within Pembroke Boundaries’.

10.72. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1380/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din il-korrispondenza diga kienet saret riferenza ghaliha taht item 2 aktar kmieni.

**46/1388/11/I** 08/03/2011 Email minghnad l-AKL fejn talbu suggerimenti, proposti u kummenti dwar il-kontenut li ghandu jigi diskuss fil-laqghat tas-Sindki u dwar l-organizazzjoni ta' dawn il-laqghat.

10.73. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1388/11/I** is-Sindku Joe Zammit talab lil kull Kunsillier biex jibghat lilu u lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli x’mistoqsijiet jixtiequ li jigu mressqa fil-laqgha tas-Sindki u l-Vici Sindki.

10.74. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dawn il-mistoqsijiet ghandhom jaslu ghand l-AKL sa l-ahhar ta’ Marzu 2011.

**46/1390/11/I** 08/03/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-Festa Gemellaggi 2011 informa l-Kunsill li tkellem mas-Sur Camilleri artist mill-lokal u nformah li jixtieq jiehu sehem u talab biex nibaghtulu ittra ta’ stedina sabiex jekk irid jirrapprezenta lill-lokal ta' Pembroke.

10.75. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1390/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill javvicina lis-sur Camilleri u jigi mistoqsi jekk jixtieqx jirrapprezenta lil Pembroke f’Jum l-Ewropa 9 ta’ Mejju bhala artist mill-lokal kif mitlub mill-Onor. Chris Said fejn irrakkomanda li jekk huwa possibbli kull lokal ghandu jkun rapprezentat.

10.76. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1391/11/I** 08/03/2011 Email minghand is-Sur Anthony Azzopardi fejn baghat ritratt ta' palma ta' tip Washingtonia Filfera li jixtieq jaghti b'donazzjoni lill-Kunsill.

10.78. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1391/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li huwa jahseb li biex tinqala’, tingarr u tithawwel din il-palma, tinvolvi spejjez kbar kif ukoll li ma hemmx garanzija li din tghix. Ghalhekk il-kelliem ippropona li dan is-sinjur ghandu jigi nfurmat li l-offerta tieghu ser tinghadda lill-Ministru George Pullicino biex jiehu hsieba d-Dipartiment.

10.79. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1401/11/I** 08/03/2011 Ittra minghand il-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi fejn baghtu cekk ta' €2,987 li jirraprezentaw surplus ta' €100,000 bhala proporzjoni ghan-numru ta' kontravenzjonijiet li hargu l-gwardjani lokali u l-pulizja bejn l-1 ta' Settembru 2010 u t-28 ta' Frar 2011.

10.81. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1401/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din il-korrispondenza diga kienet saret riferenza ghaliha taht item 2 aktar kmieni.

**46/1409/11/I** 09/03/2011 Ittra minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke fejn infurmaw lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss ta' l-Ghaqda ser issir nhar it-Tlieta 12 ta' April 2011 fit-3.00pm gewwa l-Kunsill.

10.82. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1409/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

10.83. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.84. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1410/11/I** 09/03/2011 Avviz li deher fuq il-gazzetta tal-Gvern fejn hemm indikat li sal-10.00am ta’ nhar it-Tlieta 22 ta’ Marzu 2011 fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-Akkwisti qed jilqghu offerti ghal kostruzzjoni ta' zbokk ta' dorga tal-ilma tax-xita fi Triq il-Mediterran u twessigh tal-gnub ta' spralli ezistenti fi Triq Dun Amabile Sisner.

10.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1410/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fl-ahhar jidher li wasal iz-zmien biex jintemm dan il-progett kif ukoll jidher li ntlaqghet it-talba tar-residenti li ghamlu fil-laqgha tal-lokalita' rigward l-ispralli fi Triq Dun Amabile Sisner. Il-kelliem qal li fil-fatt fil-konferenza li kien hemm dwar l-ilma li saret mill-AKL fil-jiem li ghaddew fl-Osborne Hotel, dan il-punt tqajjem mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli waqt id-diskussjoni.

**46/1411/11/I** 09/03/2011 Stedina mill-AKL specjalment ghal dawk il-Kunsilli firmatarji tal-Patt tas-Sindki ghall-laqgha tal-HENCE li ser issir bejn it-28 u 29 ta' Marzu 2011 gewwa l-Kastell, Triq il-Kbira Tarxien u li tibda fid-9:30am.

10.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1411/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kemm huwa kif ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ser jattendu ghal din il-konferenza.

**46/1423/11/I** 09/03/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali is-Sur Joseph Tabone fejn baghat kopja ta' l-avviz legali numru 255 ta' l-2009 dwar regolamenti tal-2009 fuq offerti lill-Kunsilli Lokali u nforma l-Kunsilli li huwa mportanti li jimxu ma dak kollu msemmi fl-avviz legali u talab biex jinqara sewwa regolament numru 9.

10.87. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1423/11/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1447/11/I** 10/03/2011 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali l-Assistent Direttur Cleavon Vella fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill rigward tqassim ta' dokumenti lill-Kunsilliera nforma l-Kunsill li bhal kull Kunsill iehor ghandu jimxi mal-istruzzjonijiet diga mahruga skond memo 1/2010.

10.88. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1447/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din ir-risposta tikkonferma dak li gie spjegat fl-ahhar laqgha tal-Kunsill u f'diversi laqghat ohra li ma jistghux jinghataw kopji (hard) tad-dokumenti la darba issa kull Kunsillier ghandu l-fakulta' moghtija mill-Gvern b'xejn tas-servizz ta' email.

**46/1448/11/I** 10/03/2011 Email mill-AKL tinforma lill-Kunsill bil-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki ghall-20 u 21 ta' Mejju 2011.

10.89. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1448/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli se jattendu. Il-kelliem qal li jekk hemm bzonn isiru xi mistoqsijiet dawn ghandhom jaslu ghand l-AKL sa qabel id-29 ta' April 2011.

10.90. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.91. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

10.92. Il-mozzjoni giet approvata.

**46/1449/11/I** 10/03/2011 Ittra minghand l-MRA jistaqu lill-Kunsill dwar l-energija ggenerata mill-PV dwar jekk din hijiex ser tintuza kollha mill-Kunsill jew tmur fuq il-grid. La darba l-Kunsill ibbenefika minn grant ta' 100% ir-rata tkun ta' 10c/kwh.

10.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1449/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel l-ahjar li jista' minn din l-iskema billi jaghmel uzu mid-dawl iggenerat u meta l-Kunsill ikun maghluq izzejjed imur fuq il-grid.

10.94. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.95. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1452/11/I** 10/03/2011 Stima minghand Mica Med Limited sabiex jinbidlu l-globi kollha tal-Gnien 4 ta' Lulju ghall-prezz ta' € 2,160.00 ghal 16 il-globu.

10.96. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1452/11/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jibdel il-globi li hemm miksura biss.

10.97. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

10.98. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1471/11/I** 11/03/2011 Stima minghand J&K Contractors Ltd. sabiex issir kurduna, bankina u hamrija, fi Triq ANZAC (mal-compound tal-pulizija) ghall-prezz ta' €1,979.25 wara talba mill-Pulizija.

10.99. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1471/11/I** is-Sindku Joe Zammit qal li din hija ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/1488/11/I** 11/03/2011 Email minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat kopja tal-Programm tal-Konferenza ta' l-ECAD li ser issir bejn it-11 u l-14 ta' Mejju gewwa Varna l-Bulgarija.

10.100. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1488/11/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghal din il-konferenza ma jattendix huwa biss bhal Sindku izda jkun akkumpanjat mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli biex il-Vici Sindku ikun aktar infurmat rigward dawn l-inizjattivi li ghandu l-Kunsill ta' Pembroke li huwa membru fl-Advisory Committee ta' l-ECAD.

10.101. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.102. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra.

10.103. Il-mozzjoni giet approvata.

**46/1514/11/I** 11/03/2011 Stima minghand Horace Enterprises Ltd. ghall-provvista ta' midalji u mementos ghall-prezz ta' €1.00 u €18.00 rispettivament.

**46/1515/11/I** 11/03/2011 Stima minghand Sports Experience ghall-provvista ta' midalji u mementos ghall-prezz ta' €1.05 u €19.00 rispettivament.

**46/1597/11/I** 16/03/2011 Stima minghand Michele Peresso ghall-provvista ta' midalji u mementos ghall-prezz ta' €1.00 u €17.82 jew €23.53 rispettivament. Il-prezz ma jinkludix l-engraving, liema xoghol jiswa €3.00 ghall-wording normali u €12 bil-logo tal-Kunsill.

10.104. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1514/11/I, 46/1515/46/I u 46/1597/11/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li ghal din l-attivita' ser ikun hemm bzonn 250 midalja u 14 il-memento – korrispondenza riferenza 46/1310/11/I. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta' Horace Enterprises minhabba li l-offerta tieghu hija l-aktar wahda vantagguza.

10.105. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.106. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1543/11/I** Approvazzjoni minghand il-Korporazzjoni Enemalta ghall-installazzjoni ta'

14/03/2011 lampa fi Triq Cassino.

**46/1544/11/I** 14/03/2011 Approvazzjoni minghand il-Korporazzjoni Enemalta ghall-installazzjoni ta' lampa fi Trejqet Patri Odorik Grima.

10.107. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1543/11/I u 46/1544/46/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob stima lill-kuntrattur dwar dan ix-xoghol kif ukoll li dawn jizdiedu mal-lista ta' lampi pendenti.

10.108. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

10.109. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1563/11/I** 16/03/2011 Email minghand Island Hotels jitolbu l-permess tal-Kunsill sabiex nhar is-Sibt 9 ta' April 2011 ikunu jistghu jorganizzaw Car Wash b'risq l-ghaqda Multiple Scleroisis, fl-Ex Parrade Ground.

10.110. B'riferenza ghall-korrispondenza numru 4**6/1563/46/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba.

10.111. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.112. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1585/11/I** 16/03/2011 Ittra minghand is-sur Salvu Muscat ta' 46 Triq Don Luigi Rigord jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex ibaxxi l-livell tal-bankina ta' quddiem id-dar tieghu minhabba li ser jaghmel rampa ghall-garaxx.

10.113. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/1585/46/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba sakemm il-bankina tibqa' accessibbli u ma jkunx hemm oggezzjoni minn TM.

10.114. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.115. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li qabel jinhareg il-permess lis-sur Muscat, il-Kunsill ghandu jitlob il-kummenti ta' TM. Il-kelliema qalet li d-decizjoni tal-Kunsill ghandha titiehed wara li l-Kunsill jircievi l-kummenti u l-approvazzjoni ta' TM.

10.116. Il-mozzjoni kif proposta mis-Sindku Joe Zammit ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

10.117. Il-mozzjoni giet approvata.

## 11. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-korrispondenza 46/1401/11/I li jirreferi ghal dhul tal-Kunsill bhala surplus ta' fondi ghall-perjodu sa Frar 2011 u li ghandu x'jaqsam mas-sistema tal-LES li ghalissa l-Kunsill ghadu jifforma parti minnu.

## 12. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

12.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li nhar il-Gimgha 29 ta' April 2011 il-Kunsill jorganizza Coffee Morning ghar-residenti tal-lokal. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-membri ta' l-Ghaqda Anzjani Pembroke esprimew ix-xewqa taghhom li jghinu u jikkollaboraw mal-Kunsill biex issir din l-attivita'.

12.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li huwa mportanti li jingabru l-kwotazzjonijiet kollha mehtiega qabel issir l-attivita'.

12.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jerga' jibda jorganizza l-wiri tal-loghob tal-UEFA Champions League u Europa League ghall-beneficcju tar-residenti li jhobbu jiltaqghu flimkien ghall-okkazjonijiet bhal dawn kif ukoll li l-Kunsill jabbona fl-Sports Channel tal-Melita Cable.

12.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

12.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Talba ghal devoluzzjoni ta' sit fi Triq Burma.

13.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir talba ghad-devoluzzjoni tal-bicca hamrija li tinstab fuq il-gibjun u li fl-imghoddi kien hemm numru ta' sigar taz-zebbug mizrugha fiha, u dan biex dan is-sit iservi bhala 'Pembroke Tree/Plant Nursery' kif espress u skond ix-xewqa fil-laqgha li saret ghas-sotto kumitat ta' l-ambjent.

13.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-Kunsill ghandu jinforma lill-Onor. Ministru George Pullicino li kien wera nteress f'din l-inizjattiva meta tresqet quddiemu ghall-konsiderazzjoni.

13.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Tenders u kwotazzjonijiet dwar MEDSTRATEGY u OSDDT.

14.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li dan is-suggett kien diga gie ezawrit aktar kmieni fil-laqgha.

## 15. Approvazzjoni tal-kontijiet.

15.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. P)**

15.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif pprezentata ghajr ta' l-Accountant Romina Perici Ferrante riferenza 11/005 kif deciz aktar kmieni, il-kont ta' WasteServ Malta Ltd. jithallas biss €1,025.92 skond l-istruzzjonijiet ta' l-AKL u dwar il-kont tal-J&K Contractors Ltd. ghalkemm qed ikun propost li jigi approvat, il-pagament ghandu jinhareg wara li jigi approvat u ccertifikat ix-xoghol mill-Perit tal-Kunsill.

15.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

15.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 16. Materji ohra.

16.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nhar il-Gimgha mar jara l-kaptella mkissra li tinstab ftit il-fuq mill-Commonwealth Graves l'insterqet. Il-kelliem qal li kien hemm periklu ghall-karozzi u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gie mitlub biex jinforma lill-kuntrattur J&K Contractors Ltd. halli jigi jaghmel wahda gdida. Il-kelliem qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli wahhlu serratiz u libsuh gakketta safra 'high lighter'. Il-kelliem qal ukoll li tard bil-lejl, George Spiteri tal-J&K Contractors Ltd. gie u wahhal wahda gdida u l-ghada gab il-cover taghha l-Kunsill.

16.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill japprova dan ix-xoghol kif ukoll li ssir gradilja ohra li hemm nieqsa fi Triq Burma biswit Sit C u D.

16.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

16.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.05. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill iqassam flyer lir-residenti kollha tal-lokal dwar rimi ta' materjal fid-dranagg, liema skart li mhux suppost jintefa' qed jispicca jsodd u b'hekk ikun hemm fawrien ta' dranagg f'xi toroq fil-lokal. Il-kelliema pproponiet ukoll li l-Kunsill jitlob lill-Kunsill Lokali Swieqi biex jaghmel l-istess specjalment mar-residenti tal-Madliena.

16.06. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

16.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tad-dawl kien infurmah li biex jehel is-shade quddiem il-lampa li hemm mal-faccata ta' Ms. Salafia halli s-Sur Alfio Ellul ma jiddejjaqx bid-dawl, hemm bzonn li tinbidel il-bozza kompluta ma' ohra aktar moderna.

16.09. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li qabel ma tinbidel il-lampa l-Kunsill ghandu jitlob kwotazzjoni lill-kuntrattur minhabba li skond il-kuntrattur stess l-ispiza hija gholja.

16.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

16.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-MEPA biex tinzabar harruba li hemm fuq wara tat-Tennis Courts tal-Pembroke Racket Tennis Club.

16.13. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

16.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona l'issir laqgha mar-residenti ta' Triq F.X Caruana fejn il-Kunsill approva li jirranga l-bankina minhabba li fil-laqgha li saret fuq il-post nhar is-Sibt fil-prezenza tal-Perit u tal-kuntrattur, ir-residenti tkellmu maghhom u jirrizulta li hemm min ma jixtieqx li jsir intervent minhabba li fost l-ohrajn ibghatu minn gharghar.

16.16. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

16.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li kienet ghada ma ttiehdet ebda decizjoni dwar Kwotazzjoni 21/2010 – Fire proof deposit safe. (Rif. Minuti 20/K6/10-10.13 u Minuti 21/K6/10 - 10.02).

16.19. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan l-item jithalla ghal-laqgha ohra biex il-membri tal-Kunsill ikollhom bizzejjed zmien jiflu r-rati sottomessi.

16.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

16.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien hemm bzonn li tinxtara zebgha safra u bajda u thinner ghar-road markings kif ukoll zebgha vjola li ser tintuza fl-istore fejn ser jintramaw il-vari tal-Gimgha l-Kbira.

16.23. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jixtri dan il-materjal.

16.24. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

16.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.26. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jistaqsi lil TM dwar f'hiex waslet it-talba tal-Kunsill biex Triq Alamein tinghata wicc meta jkun ghaddej ix-xoghol konness mal-Park & Ride.

16.27. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

16.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.29. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li waqt li huwa u l-Kunsillier Joe Brincat attendew ghall-laqgha ma' TM dwar l-immanigjar tat-traffiku madwar l-iskola Primarja, fuq mistoqsija tieghu, il-Perit David Vassallo nfurmhom li wiehed mill-kuntratturi kien ghamel appell u ghalhekk hemm il-possibilita' li l-progett kollu jittardja. Il-kelliem qal li huma gew infurmati wkoll li l-istimi kienu saru u ntbaghtu lill-Ministeru ghall-konsiderazzjoni.

16.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona laqgha mar-residenti ta' Blokk 5 Triq il-Profs Walter Ganado dwar xoghol konness mal-faccata tal-blokk vis-a-vis il-fond tal-Awtorita' tad-Djar.

16.31. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

16.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

16.33. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fit-8.30pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 6 ta' April 2011 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

---